IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 24.7.2012
COM(2012) 409 final

2012/0200 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Ir-raġunijiet għall-proposta u l-miri tagħha

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1] (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar il-VAT"), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru li japplika miżuri speċjali għal deroga minn dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex ma jħallix li jsiru ċerti tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-8 ta' Frar 2012, ir-Repubblika tal-Litwanja (minn hawn 'il quddiem "il-Litwanja") talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura li tagħti deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT.

Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tal-Litwanja, permezz ta' ittra li ġġib id-data tal-4 ta' April 2012 . B'ittra datata l-11 ta' April 2012, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Litwanja li hija kellha t-tagħrif kollu meqjus minnha bħala meħtieġ sabiex tivvaluta t-talba.

### Il-kuntest ġenerali

Il-gvern Litwan qed jitlob biex ikun jista' jestendi l-applikazzjoni attwali ta' mekkaniżmu ta' reverse charge fir-rigward ta' provvisti ta' injam mhux maħdum u provvisti minn persuni taxxabbli li jinsabu taħt proċeduri ġudizzjali ta' insolvenza jew ta' ristrutturar.

Fir-rigward tal-provvista tal-injam mhux maħdum, il-Litwanja ġiet ikkonfrontata b'għadd konsiderevoli ta' kummerċjanti li ma kkonformawx mal-obbligi tagħhom. In-negozji f'dan is-settur huma spiss bejjiegħa mill-ġdid jew intermedjarji żgħar, li spiss jgħibu mingħajr ma jkunu ħallsu lill-awtoritajiet tat-taxxa t-taxxa li jkunu ġabru fuq il-provvisti tagħhom iżda jħallu lill-klijenti tagħhom kont validu għat-tnaqqis tal-VAT.

Persuni taxxabbli taħt proċeduri ġudizzjali ta' insolvenza jew ta' ristrutturar spiss ma ħallsux il-VAT li jkunu rċevew mingħand il-klijenti tagħhom lill-awtoritajiet tat-taxxa. Madankollu, ix-xerrej jista', bħala kummerċjant konformi, xorta jnaqqas il-VAT li jkun ħallas.

Taħt il-mekkaniżmu tar-reverse charge, billi jidderoga minn regola ġenerali fl-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT, il-klijent (fil-każ li jkun persuna taxxabbli) isir responsabbli għall-ħlas tal-VAT fuq tranżazzjonijiet domestiċi.

Din il-miżura ta' deroga kienet inizjalment mogħtija bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/388/KE tal-15 ta' Mejju 2006 ([2]) (inkludiet ukoll il-provvisti ta' skart u fdal ta' ħadid u xogħol ta' kostruzzjoni, li issa huma koperti mill-Artikolu 199 tad-Direttiva tal-VAT). L-applikazzjoni tal-miżura ta' deroga għal provvisti ta' injam u provvisti minn persuni taxxabbli taħt

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 ĠU L 150, 3.6.2006, p. 13–14

proċeduri ġudizzjali ta' insolvenza jew ta' ristrutturar ġiet estiża bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/99/UE tas-16 ta' Frar 2010 ([3]).

Il-Kummissjoni tifhem li s-sitwazzjoni, li fuqha kienet ibbażata d-deroga inizjali, għadha teżisti. Il-Litwanja ssostni li, abbażi tar-riżultati tal-investigazzjonijiet tat-taxxa, ingħatat prova li d-deroga kienet effettiva kemm fil-każ ta' provvisti ta' injam mhux maħdum kif ukoll fil-każ ta' provvisti minn persuni taxxabbli li jkunu jinsabu taħt proċeduri ġudizzjali ta' insolvenza jew ta' ristrutturar. Għalhekk id-deroga għandha tingħata għal perjodu limitat ieħor.

Fil-każ li l-Litwanja tikkunsidra estensjoni oħra tal-miżura ta' deroga lil hinn mill-2015, għandu jiġi ppreżentat rapport ta' evalwazzjoni lill-Kummissjoni flimkien ma' dik it-talba ta' estensjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2015.

**Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Derogi simili li għandhom x'jaqsmu mal-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT ingħataw lil Stati Membri oħra.

**Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħrajn tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

**Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Mhux rilevanti.

**Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

**Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill għandha l-għan li tissimplifika l-proċedura li biha tiġi imposta t-taxxa u li tgħin fil-ġlieda kontra l-possibilità ta' evażjoni jew evitar tal-VAT u għalhekk għandha potenzjal għal impatt ekonomiku pożittiv.

F'kull każ, l-impatt se jkun limitat minħabba l-ambitu ristrett tad-deroga.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

**Sommarju tal-azzjoni proposta**

Id-Deċiżjoni tawtorizza lil-Litwanja biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva dwar il-VAT fir-rigward tal-użu ta' mekkaniżmu ta' reverse charge fil-każ

[3] ĠU L 45, 20.2.2010, p. 10–11

ta’ provvisti tal-injam mhux maħdum u fil-każ ta’ provvisti ta’ oġġetti u servizzi minn negozji taħt proċedura ta’ insolvenza jew ta’ ristrutturar suġġetta għal sorveljanza ġudizzjali.

**Bażi legali**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

**Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, Stat Membru li jixtieq idaħħal miżuri li jagħtu deroga mill-imsemmja Direttiva jrid jikseb awtorizzazzjoni mill-Kunsill, li tieħu l-forma ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. Għalhekk il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

**Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Din id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta’ applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan mixtieq.

**L-għażla tal-istrumenti**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jkun qiegħed jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni. Barra hekk, Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-iktar strument adattat ladarba tista' tiġi indirizzata lill-Istati Membri individwali.

## 4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

**Klawżola ta’ analiżi/reviżjoni/terminazzjoni awtomatika**

Il-proposta tinkludi klawżola sunset.

2012/0200 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-8 ta' Frar 2012, ir-Repubblika tal-Litwanja (minn issa 'l quddiem "il-Litwanja") talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE li jirregolaw il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-awtoritajiet tat-taxxa.

(2) Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba li saret mil-Litwanja permezz ta' ittra ddatata l-4 ta' April 2012. Permezz ta' ittra ddatata l-11 ta' April 2012, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Litwanja li kellha l-informazzjoni kollha neċessarja biex tqis it-talba.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/388/KE tal-15 ta' Mejju 2006 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 21 tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ ([5]) awtorizzat lil-Litwanja inter alia li tagħmel ir-riċevitur responsabbli għall-VAT dovuta fuq il-provvista ta' prodotti u servizzi fil-każ ta' proċeduri ta' insolvenza jew proċeduri ta' ristrutturar li jkunu suġġetti għal sorveljanza ġudizzjali u fuq il-provvista tal-injam.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/99/UE tas-16 ta' Frar 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta'

---

4 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
5 ĠU L 150, 3.6.2006, p. 13–14

deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([6]) estendiet l-applikazzjoni tal-miżura ta' deroga msemmija.

(5) L-investigazzjonijiet tat-taxxa u l-analiżi mwettqa mill-awtoritajiet tat-taxxa fil-Litwanja wrew kemm kienet effettiva l-miżura ta' deroga inkwistjoni.

(6) Il-Kummissjoni tifhem li s-sitwazzjoni legali u fattwali li kienet iġġustifikat l-applikazzjoni kurrenti tal-miżura ta' simplifikazzjoni kkonċernata ma nbidlitx u għadha teżisti. Għalhekk il-Litwanja għandha tkun awtorizzata biex tapplika l-miżura matul perjodu limitat ieħor.

(7) Fil-każ li l-Litwanja tikkunsidra estensjoni oħra tal-miżura ta' deroga lil hinn mill-2015, għandu jiġi ppreżentat rapport ta' evalwazzjoni lill-Kummissjoni flimkien ma' dik it-talba ta' estensjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2015.

(8) Id-deroga mhux ser ikollha impatt negattiv fuq ir-riżorzi proprji tal-Unjoni Ewropea mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2010/99/UE jinbidel b'dan li ġej:

'Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tan-notifika tagħha.

Hi għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2015. Kull talba għal estensjoni tal-miżura stipulata f'din id-Deċiżjoni għandha titressaq lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2015 u għandha tiġi akkumpanjata b'rapport li jinkludi analiżi tal-applikazzjoni ta' din il-miżura.'

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[6] ĠU L 45, 20.2.2010, p. 10–11